***SPOLL***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Frar 2001**

**Kawza Numru: 12**
**Citazzjoni Numru: 1663/99/RCP**

**Plastichem Limited**

**vs**

**Renova Company Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta attrici tiddetjeni b'titolu ta' enfitewsi l-Plot u l-bini ta fuqha indikata bhala M9, fl-Mriehel Industrial Estate filwaqt illi s-socjeta' konvenuta tiddetjeni l-art adjacenti indikata bhala M10;

Illi fl-ahhar granet ta' Mejju, 1999, is-socjeta' konvenuta minghajr il-permess u ghall-insaputa tas-socjeta' attrici waqqghet il-hajt divizorju bejn iz-zewg artijiet, dahlet fil-propjeta' tas-socjeta' attrici u wara li faqghet zewg tankijiet sotterraneji, bdiet ittellgha hajt divizorju gdid cirka hamsa u sebghin (75) centimetru gewwa l-art tas-socjeta' attrici;

Illi meta waqqghet il-hajt divizorju, kissret zewg tankijiet sotterraneji u bdiet ittellgha l-hajt divizorju gdid fil-proprjeta tal-istanti, hija kkommettiet spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu tas-socjeta' attrici u ddeprivatha mill-pussess tal-istess hajt, tankijiet u art;

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex:

1. M'ghandiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi hija kkommettiet spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tas-socjeta attrici meta waqqghet il-hajt divizorju, kissret it-tankijiet sotterraneji u invadiet art tas-socjeta' attrici meta regghet tellghet il-hajt divizorju gdid cirka 75 centimetru il-gewwa mill-linja divizorja bejn iz-zewg plots;

2. Tordna li s-socjeta' attrici tigi reintegrata fil-pussess tal-art u tankijiet sotterraneji fi Plot M9, Mriehel Industrial Estate u b'hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta taghmel ix-xogholijiet mehtiega biex is-

socjeta' attrici tigi hekk riintegrata, u dana taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-perit arkitett nominandi, f'terminu qasir u perentorju li jigi lilha ffissat; u

3. In difett, tawtorizza lis-socjeta' attrici taghmel hi dawn l-istess xogholijiet a spejjes tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Mejju, 1999, kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta a fol 8 tal-process fejn gie ecceppit:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta` esponenti ma ikkommettiet ebda spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tas-socjeta` attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 8 tal-process.

Rat il-verbal ta' l-1 ta' Frar 2000 fejn Dr J Schembri ghas-socjeta` konvenuta nforma l-Qorti li pprezenta nota bil-visto tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha

attrici ghal-5 t'April 2000 b'dan li s-socjeta` attrici sat-30 ta' Marzu 2000 tipprezenta x-xhieda taghha bil-proceduri tal-affidavits.

Rat il-verbal tal-5 t'April 2000 fejn xehdu Joseph Rosso, il-Perit Joan Coleiro u John Vella. Dr Zammit Maempel iddikjara li s-socjeta` attrici m'ghandiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta ghall-15 ta' Gunju 2000 b'dan li jistghu jipprezentaw ix-xhieda taghhom bil-procedura ta' l-affidavit.

Rat l-affidavitipprezentat fl-24 ta' Mejju 2000 fejn xehdu il-Perit Chris Borg u l-Perit Ivan Coleiro. Il-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta ghad-19 t'Ottubru 2000.

Rat il-verbal tad-19 t'Ottubru 2000 fejn Dr Schembri prezenta affidavit ta' Noel Zammit b'kopja lill-kontro-parti. Dr Zammit Maempel iddikjara li m'ghandux kontro-ezami x'jaghmel lill-istess xhud. Id-difensuri ddikjaraw li sal-15 ta' Dicembru 2000 ghandhom jindikaw lill-Qorti permezz ta' nota jekk humiex ser jitransigu l-kawza jew le u fin-nuqqas jaqblu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.</u>

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**artikolu 534 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta u ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond l-istess artikoli tal-ligi u a bazi tal-gurisprudenza nostrana, huwa risaput li t-tlett rekwisiti tal-*actio spolii huma*:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "<u>**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**</u>" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "<u>**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**</u>" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b' titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke <u>**purament materjali jew di fatto**</u>, izda mhux ta' mera tolleranza ("<u>**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine"**</u> – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest" ("**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna"** – P.A.H.H. 21 ta' Frar 1983), pero "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b' dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest ("**Camilleri vs Giglio"** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. – 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:-

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.*" (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** – P.A. 5 ta' Ottubru 1992).

(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" ("**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** – Appell 9.3.1992).

Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentuat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-Artikolu 791 (1) tal-Kap 12 li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att ("**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. JSP 30.4.1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet dilatorji ("**Margherita Fenech vs Paolo Zammit"** – P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; "**Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – Appell 23.1.1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" ( P.A. FGC – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkometti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b' dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li:

*"meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan*

*<u>tinkommbi fuq l-eccippjenti</u> ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi l-istess principji gew stabbilit ukoll f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti, fosthom: "**Carmelo Mifsud vs Giuseppe Schembri**" – (Cit Nru 1254/2000/RCP – deciza 25 ta' Ottubru 2000); "**Mario Calleja vs Frangisk Calleja**" – (Cit Nru 414/99/RCP – deciza 19 ta' Ottubru 2000); "**Francis Falzon vs Joseph Portelli**" – (Cit Nru 209/99/RCP – deciza 15 ta' Novembru 2000).

## <u>II. PROVI PRODOTTI</u>

Illi f'din l-azzjoni ta' spoll is-socjeta` attrici qed tallega li fl-ahhar ta' Mejju 1999 is-socjeta` konvenuta waqqet il-hajt divizzorju bejn il-plot taghhom M9 fl-Imriehel Industrial Estate, okkupata mis-socjeta konvenuta, u faqghet zewg tankijiet sotteraneji fl-istess art okkupata mill-istess socjeta` attrici, u tellghu hajt divizorju 75 centimetru fuq l-art tas-socjeta` attrici.

Illi dwar dawn l-allegazzjonijiet xehed **Joseph Rosso**, Managing Director tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-5 ta' April 2000 fejn spjega kif fl-istess zmien ra lill-haddiema tas-socjeta konvenuta jwaqqghu il-hajt divizorju *de quo*, jidhru fuq l-art okkupata mis-socjeta` attrici, kissru r-reservior tal-konkos ghall-ilma u *chemicals*, li kien hemm fuq l-istess art, b'mod ukoll li l-fabbrika attrici giet

accessibbli ghal kulhadd. Bl-intervent anki tal-Pulizija ittella' hajt temporanju sabiex jirrestringi l-istess access ghall-istess fabbrika, pero` b'mod li l-hajt li ttella' sar fl-art okkupata mis-socjeta` attrici u mhux fejn kien dak originali li jifred l-istess proprjetajiet minn xulxin mertu wkoll ta' dan l-ispoll. Dan jinsab korroborat minn **John Vella**, *partner* tal-istess xhud.

Illi dan gie ikkonfermat mill-**Perit Ivan Coleiro**, fl-istess seduta (fol 31) fejn spjega li l-hajt li gie mibni kien ukoll perikoluz u l-gwiebi nqerdu ghal kollox ghaliex gew maqsuma min-nofs, u ghalhekk huwa kaz li l-ewwel jitnehhew u jinbdew mill-gdid. Illi skond huwa ix-xoghol rimedjali li jrid isir sabiex kollox jigi reintegrat fl-istat pristinu tieghu huwa dak indikat minnu fir-rapport peritali datat 27 ta' Mejju 1999, esebit bhala Dok IC1 a fol 12 tal-process. Iltaqghu wara anke ma Noel Zammit, Direttur tas-socjeta konvenuta , u anke ma rapprezentat tal-Lands Department Alex Buontempo u Jean Pierre Farrugia, Perit tas-socjeta konvenuta, izda ma sarx qbil u allura lanqas ftehim la dwar l-art u lanqas kumpens.

Illi min-naha tieghu **Noel Zammit** ghas-socjeta konvenuta sostna li huwa li huwa xtara l-proprjeta` tieghu mill-MDC, bil-patt li jwaqqa l-bini ezistenti u jibni fabbrika fiha, u biex ghamel dan, ressaq l-istess hajt divizzorju, ghaliex skond hu l-fabbrika tas-socjeta` attrici kienet abbandunata, fejn anke kienet soffriet hruq estensiv. L-atturi kellmuh biss wara xi xahrejn li sar ix-xoghol, u hu beda jibni l-hajt gdid

skond il-qisien tal-MDC u jekk dahal fl-art tas-socjeta` attrici, dan ghamlu biss ghaliex mexa mal-pjanti tal-MDC. Sostna li bena l-hajt aktar minn 3 xhur wara li waqqa' l-hajt originali. Noel Zammit ipprezenta wkoll affidavit iehor fid-19 ta' Ottubru 2000 fejn sostna li waqqa' l-hajt originali ghaliex ma kienx sod, u bnieh mill-gdid u dahal biss xi pulzieri l-gewwa. Fil-fatt offra Lm5000 bhala kumpens, li ma giex accettat mis-socjeta` attrici li pretendiet Lm20,000, li rahom wisq.

Illi xehed ukoll il-**Perit Chirs Borg**, li sostna li l-fabrika ghalkemm mibnija mis-socjeta` attrici hija vojta, u esebixxa pjanta li saret biss gimgha qabel xehed fil-15 ta' Gunju 2000 (Dok JS1) li turi l-bini li suppost inghata lis-socjeta konvenuta fid-data tax-xhieda tieghu. Pero` indika li l-hajt li nbena mis-socjeta konvenuta, fil-fatt kien fuq l-art okkupata u mikrija tas-socjeta` attrici (fol 67). Is-socjeta konvenuta tramite Noel Zammit accettat li ghamlet tali xogholijiet.

## III. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *DE QUO* U APPREZZAMENT TA' PROVI

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta illi l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, b'dan li huwa addirittura accettati mis-socjeta konvenuta li waqqghu il-hajt divizorju bejn iz-zewg fabriki, u li saret hsara fir-*reserviours*, u wkoll inbena hajt gdid fil-proprjeta` okkupata mis-socjeta` attrici,

ghalkemm il-partijiet ma jaqblux kemm inbena l-gewwa l-istess hajt.

Illi fil-fatt jirrizulta li f'Mejju 1999, il-haddiema tal-kuntrattur, inkarigati minn Noel Zammit ghan-nom tas-socjeta konvenuta, waqqghu il-hajt divizorju bejn iz-zewg fabriki, kissru l-istess gibji, wara tellghu hajt divizorju iehor fuq l-art okkupata mis-socjeta` attrici.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta li tali xoghol beda jsir f'Mejju 1999, u dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Joseph Rosso u John Vella *partners* fis-socjeta` attrici li raw l-istess xoghol isir u wkoll mill-Perit Ivan Coleiro tant li fis-27 ta' Mejju 1999 huwa rredica r-rapport li jinsab esebit a fol 11 tal-process.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici saret fit-terminu ta' xahrejn premessi mill-ligi, anke ghaliex ic-citazzjoni giet presentata fid-19 ta' Lulju 1999. Illi jidher li s-socjeta konvenuta tramite r-rappresentant taghha Noel Zammit qed issostni illi x-xoghol sar xhur qabel il-presentata tac-citazzjoni, pero` apparti l-fatt li dan jinsab kontradett mix-xhieda attrici, lanqas jirrizulta li s-socjeta konvenuta ipprezentat xi eccezzjoni f'dan is-sens, u dan minnu nnifsu idajjef din l-allegazzjoni tas-socjeta konvenuta; pero` anke kieku jigi ghall-grazzja ta' l-argument ikkonsidrat li din l-eccezzjoni inghatat, din il-Qorti xorta hija konvinta a bazi tax-xhieda attrici, kif korroborata anke minn dokumenti esebiti, li s-socjeta konvenuta ma rnexxielhiex tipprova li l-

azzjoni attrici saret wara t-terminu preskritt mill-ligi ghall-azzjoni ta' spoll.

Illi dwar il-mertu ta' l-ispoll innifsu u ghax-xogholijiet indikat fic-citazzjoni attrici dan kollu mhux biss jirrizulta pruvat izda mid-deposizzjoni ta' Noel Zammit dan jirrizulta ammess u l-istess xhud fil-fatt illimita ruhu sabiex jikkontesta l-valur tax-xogholijiet necessarji sabiex issir azzjoni rimedjali u wkoll sabiex spjega r-ragunijiet ghaliex saru l-istess xogholijiet minnu fosthom li l-istess saru allegatament skond il-qisien moghtija mill-MDC u wkoll ghaliex il-fabrika tas-socjeta` attrici kienet abbandunata.

Illi ovvjament dawn l-allegati gustifikazzjonijiet migjuba mis-socjeta konvenuta m'ghandhom ebda effett ghall-azzjoni odjerna stante li f'kawza ta' spoll dak li ghandu jigi pruvat huwa proprju l-att ta' l-ispoll u l-pussess jew detenzzjoni tal-proprjeta in kwistjoni mill-attur u t-terminu li fih l-attur jagixxi sabiex jipprezenta tali kawza u dan kollu *ai termini* tal-gurisprudenza citata u l-**artikoli 791 tal-Kap 12** u **l-artikolu 535 tal-Kap 16**, u f'din il-kawza ma hemm ebda dubju kwalunkwe illi dawn ir-rekwisiti kollha gew ilkoll pruvati u sostanzjati mis-socjeta` attrici.

Illi fl-ahharnet jinghad li dwar il-hajt divizjorju gdid li ttella' mis-socjeta konvenuta fuq l-art okkupata mis-socjeta` attrici mill-pjanti u mix-xhieda esebiti jirrizulta wkoll li dan sar fil-qisien indikati mis-socjeta` attrici fic-citazzjoni taghha u dan

huwa kkorroborat ukoll mix-xhieda tal-Perit Ivan Coleiro u mir-rapport minnu redat fis-27 ta' Mejju 1999.

Illi ghalhekk a bazi ta' l-istess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu michuda.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi s-socjeta konvenuta kkommettiet spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tas-socjeta attrici meta waqqghet il-hajt divizorju, kissret it-tankijiet sotterraneji u invadiet art tas-socjeta' attrici meta regghet tellghet il-hajt divizorju gdid cirka 75 centimetru il-gewwa mill-linja divizorja bejn iz-zewg plots;

2. Tordna li s-socjeta' attrici tigi reintegrata fil-pussess tal-art u tankijiet sotterraneji fi Plot M9, Mriehel Industrial Estate u b'hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta taghmel ix-xogholijiet mehtiega biex is-socjeta' attrici tigi hekk riintegrata, u dawn ix-xogholijiet konsistenti li jittella' l-hajt originali li kien hemm bejn il-fabbriki rispettivi, jigu reintegrati z-zewg tankijiet sotterraneji fl-istat pristinu taghhom qabel ix-xogholijiet

maghmula mis-socjeta konvenuta u jitnehha l-hajt li ttella’ mis-socjeta konvenuta fuq l-art okkupata mis-socjeta` attrici u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri A&CE li qed jigi nominat minn din il-Qorti sabiex jidderigi u jaghmel supervizzjoni ta’ l-istess xogholijiet u dan f’terminu qasir u perentorju ta’ 80 gurnata mid-data ta’ din is-sentenza.

3. Illi fin-nuqqas li tali xogholijiet ma jsirux mis-socjeta konvenuta fit-terminu fuq indikat, tawtorizza lis-socjeta' attrici taghmel hi dawn l-istess xogholijiet taht id-direzzjoni u spervizzjoni ta’ l-istess Perit Arkitett Valerio Schembri A&CE a spejjes kollha tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Perit Tekniku hawn fuq nominat u dawk tal-ittra interpellatorja tat-30 ta' Mejju, 1999, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta’ Frar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta’ Frar 2001**